**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 684/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras, Spettur Shawn Pawney)**
**vs**
**Julian Bonnici**

**Illum 9 ta' Marzu, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Julian Bonnici, ta, 20 sena, iben Noel Bonnici u Marie nee, Cassar, imwieled Pieta, nhar il-25 ta' Novembru 1997 u Ii joqghod Blk 1, Door 2, Flat 3, Triq il- Gzira, Gzira, detentur ta' karta ta' l-identita' numru. 466597M.

Billi akkuzat talli flimkien ma persuni ohra, fill- lejl ta' bejn il-wiehed u ghoxrin u it-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 2018, ghal- habta ta'nofs il- lejl jew hinijiet ohra, gewwa Bailut Farm, Triq Ghajn Tuffieha, L-Imġarr, Malta u/jew postijiet oħra f dawn il- gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil- lok, u bil- hin, ghad-dannu ta, Kylie Grima, Mark Vella u Clive Vella. u/jew ta'xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra bi ksur tal- artikoli 261 (b)(e)(f), 263, 269, 270 tal- Kapitolu 9 tal- Ligiiiet ta' Malta

2. Ukoll talli fl- istess data hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' vettura u cioe: vettura b' numru tar- registrazzjoni: EGV-404, tal- ghamla, vorkswagen u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwaliflkat, bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal- haġa misruqa u bil- valur li jeċċedi l- elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), ghad-dannu ta'Kylie Grima, Mark Vella u Clive Grima, u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra bi

ksur tal- artikoli 261 (b)(ċ)(f)(ġ), 263, 270, 271 (ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Ukoll talli b' hekk kiser waħda jew diversi mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet għall-ħelsien mill-arrest, akkordat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras L.L.D nhar it-tieni ta' Jannar 2017.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi l-ispettur Mario Xiberras u l-Ispettur Shaun Pawney qraw u kkonfermaw bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fis-seduta datata 26 ta' Ottubru 2018

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', Ċertifikat tat-twelid mmarkat Dok MS1, Fedina Penali mmarkata Dok MS2, kopja ta' digriet datat 16-1-2017 mmarkat Dok MS3, Stills minn CCTV mmarkat Dok MS4, Dikjarazzjoni mmarkata Dok MS5, Cd bi stqarrija tal-imputat immarkata Dok MS6, 2 stills immarkati Dok SP1 u Dok SP2, CCTV immarkat Dok SP3, Ircevuta immarkata Dok SP4, Sentenzi ta' data track immarkata Dok SP5, Hames ritratti immarkati minn Dok SP6 sa' Dok SP10, żewġ ritratti mmarkati Dok SP11 u Dok SP12, Dok TM1, DOK KV1, Dok DT1, Dok MV1, DOK FSL1, Dok FSL 2, Dok JC1, DOK GM1, Dok GM2, Dok EFG1, Dok MM1, Dok DC1.

Semghet ix-xhieda ta'; Ispettur Shawn Pawney, Kylie Grima, PS 90 Jeffrey Gerada, PS 430 Andrew St. John, Clive Vella, Karen Cremona, Spettur Mario Xiberras, Dr. Katya Vassallo, Donald Tabone, Mark Vella, Donalise Camilleri, PS122 Arthur Borg, PS 959 Daniel Formosa, Spt Jonathan Cassar, Andrea Bondin, Eunice Grech Fiorini, PS430 Andrew St. John, Mark Micallef, PS430 Andrew St. John, Donnalise Camilleri.

**Ikkunsidrat:**

**Decide:**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet, semgħet il-provi, Rat id-dokumenti.**

**Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwikvoka ta' l-imputat kif ivverbaliżżat fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru 2021, wara li l-Qorti tat ċans biżejjed lill-imputat biex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni.**

**Rat li din l- ammissjoni ma saritx fi stadju bikri tal-proċeduri, madankollu l-Qorti ma' tistax tinjora l-pre-sentencing report tal-probation officer Donnalise Camilleri, meta jidher li l-imputat ghandu xogħol fiss, jidher li għandu s-sapport tat-tfajla u ta' xi membri tal-familja u jkun iktar idoneju li jkompli jindirizza l-problemi li għandu milli jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva – in vista ta' dan ir-rapport 'l Qorti qegħda tagħti l-aħħar ċans lill-ħati biex jirriforma ruħhu, għalhekk tikkundannah għal perjodu kumplessiv ta' 24 xahar priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 għandhom jiġu sospżi għal 4 snin mill-lum, in oltre ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tqiegħed lill-ħati Julian Bonnici taħt ordni ta' superviżjoni li għandha tibqa' fis-seħħ tul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, u dan biex il-ħati jibqa' jindirizza l-problemi tiegħu biex jirranġa ħajtu.**

**Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Dipartiment tal- Probation u l-Parole.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**